A.L. 36 ta' l-1990

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-23 ta' Frar, 1990.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Flat numru 7, Bieb 1, Blokk B, Bini tal-Gvern, Triq il-Kbira, Lija (Rural Tenement No. 50192).

(2) Flat numru 4, Blokk A, Triq Kordin, Paola (Rural Tenement No. 50712).

(3) Flat numru 2, Blokk B, Unit Nru. 3, Bini tal-Gvern, Paola (Rural Tenement No. 50989 Portion 3).

(4) Id-dar bin-numru 130, Triq il-Ward, Bini tal-Gvern, Żabbar (Rural Tenement No. 50786).

(5) Id-dar bin-numru 3, Vjal in-Naspli, San Ġwann.